

Rikors ippreżentat fl-10 ta' Ġunju 2019 — Front Polisario vs Il-Kunsill**(Kawża T-344/19)**

(2019/C 270/35)

*Lingwa tal-kawża: il-Franċiż***Partijiet**

Rikorrent: Front populaire pour la libération de la Saguia el-Ħamra et du Rio de oro (Front Polisario) (rappreżentant: G. Devers, avukat)

Konvenut: Il-Kunsill tal-Unjoni Ewropea

Talbiet

Ir-rikorrent jitlob li l-Qorti Ġenerali jogħġobha:

- tiddikjara r-rikors tiegħu għal annullament ammissibbli;
- tannulla d-deċiżjoni kkontestata;
- tikkundanna lill-Kunsill għall-ispejjeż.

Motivi u argumenti prinċipali

Insostenn tar-rikors kontra d-Deċiżjoni tal-Kunsill (UE) 2019/441 tal-4 ta' Marzu 2019 dwar il-konklużjoni tal-Ftehim ta' Sħubija dwar is-Sajd Sostenibbli bejn l-Unjoni Ewropea u r-Renju tal-Marokk, tal-Protokoll ta' Implimentazzjoni tiegħu u tal-iskambju ta' ittri li jakkumpanja l-Ftehim (ĠU 2019, L 77, p. 4), ir-rikorrent jinvoka hdx-il motiv.

1. L-ewwel motiv, ibbażat fuq l-assenza ta' kompetenza tal-Kunsill sabiex jadotta d-deċiżjoni kkontestata, sa fejn l-Unjoni u r-Renju tal-Marokk ma għandhomx il-kompetenza sabiex jikkonkludu ftehim internazzjonali applikabbli għas-Sahara tal-Punent, minflok il-poplu tas-Sahara tal-Punent, irrappreżentat mill-Front Polisario.
2. It-tieni motiv, ibbażat fuq nuqqas ta' twettiq tal-obbligu ta' eżami tal-kwistjoni tal-osservanza tad-drittijiet fundamentali u tad-dritt internazzjonali umanitarju, sa fejn il-Kunsill ma eżaminax din il-kwistjoni qabel ma adotta d-deċiżjoni kkontestata.
3. It-tielet motiv, ibbażat fuq ksur mill-Kunsill tal-obbligu tiegħu li jeżegwixxi s-sentenzi tal-Qorti tal-Ġustizzja sa fejn id-deċiżjoni kkontestata tinjora r-raġunijiet tas-sentenza tas-27 Frar 2018, Western Sahara Campaign UK (C-266/16, EU:C:2018:118).
4. Ir-raba' motiv, ibbażat fuq ksur tal-prinċipji u tal-valuri essenzjali li jiggwidaw l-azzjoni tal-Unjoni fix-xena internazzjonali, sa fejn:
 - l-ewwel nett, bi ksur tad-dritt tal-popli għall-osservanza tal-unità nazzjonali tagħhom, id-deċiżjoni kkontestata tinnega l-eżistenza tal-poplu tas-Sahara tal-Punent billi tuża minflok it-termini "popolazzjoni tas-Sahara tal-Punent" u "popolazzjonijiet ikkonċernati";
 - it-tieni nett, bi ksur tad-dritt tal-popli li liberament jiddisponu mir-riżorsi naturali tagħhom, id-deċiżjoni kkontestata tikkonkludi ftehim internazzjonali li jorganizza, mingħajr il-kunsens tal-poplu tas-Sahara tal-Punent, l-isfruttament tar-riżorsi tas-sajd tiegħu minn bastimenti tal-Unjoni;

- it-tielet nett, id-deċiżjoni kkontestata tikkonkludi ftehim internazzjonali applikabbli għat-territorju okkupat tas-Sahara tal-Punent, mar-Renju tal-Marokk, fil-kuntest tal-politika annessjonista tiegħu fir-rigward ta' dan it-territorju u tal-ksur sistematiku tad-drittijiet fundamentali li ż-żamma ta' din il-politika teħtieġ.
5. Il-ħames motiv, ibbażat fuq ksur tal-prinċipju ta' protezzjoni tal-aspettattivi leġittimi, sa fejn id-deċiżjoni kkontestata tmur kontra d-dikjarazzjonijiet tal-Unjoni li, ripetutament, ma waqfex tafferma n-neċessità li l-prinċipji ta' awtodeterminazzjoni u ta' effett relattiv tat-trattati jiġu osservati.
6. Is-sitt motiv, ibbażat fuq l-applikazzjoni żbaljata tal-prinċipju ta' proporzjonalità, sa fejn, fid-dawl tal-istatus separat u distint tas-Sahara tal-Punent, tan-natura intanġibbli tad-dritt għall-awtodeterminazzjoni u tal-kwalità ta' terz tal-poplu tas-Sahara tal-Punent, ma huwiex il-kompitu tal-Kunsill li jagħmel paragun ta' proporzjonalità bejn l-allegati "benefiċċji" ġġenerati mill-ftehim tas-sajd u r-riperkussjonijiet tiegħu fuq ir-riżorsi naturali tas-Sahara tal-Punent.
7. Is-seba' motiv, ibbażat fuq il-kuntrarjetà mal-politika komuni tas-sajd, sa fejn, skont il-ftehim konkluż mid-deċiżjoni kkontestata, il-bastimenti tal-Unjoni Ewropea se jkunu jistgħu jaċċedu għar-riżorsi tas-sajd tal-poplu tas-Sahara tal-Punent, mingħajr il-kunsens tiegħu, inkambju għal korrispettiv finanzjarju mħallas lill-awtoritajiet Marokkini, meta l-ilmijiet tas-Sahara tal-Punent ma humiex "ilmijiet" Marokkini fis-sens tal-Artikoli 61 u 62 tal-Konvenzjoni tan-Nazzjonijiet Uniti dwar id-dritt tal-baħar.
8. It-tmien motiv, ibbażat fuq ksur tad-dritt għall-awtodeterminazzjoni, sa fejn:
- l-ewwel nett, billi fir-rigward tiegħu tuża t-termini "popolazzjoni tas-Sahara tal-Punent" u "popolazzjonijiet ikkonċernati", id-deċiżjoni kkonċernata tinneġa l-unità nazzjonali tal-poplu tas-Sahara tal-Punent bħala suġġett tad-dritt għall-awtodeterminazzjoni;
- it-tieni nett, bi ksur tad-dritt tal-poplu tas-Sahara tal-Punent li liberament jiddisponi mir-riżorsi naturali tiegħu, id-deċiżjoni kkontestata torganizza, mingħajr il-kunsens tiegħu, l-isfruttament tar-riżorsi tas-sajd tiegħu minn bastimenti tal-Unjoni;
- it-tielet nett, bi ksur tad-dritt tal-poplu tas-Sahara tal-Punent għall-osservanza tal-integrità territorjali tat-territorju nazzjonali tiegħu, id-deċiżjoni kkontestata tinneġa l-istatus separat u distint tat-territorju tas-Sahara tal-Punent u tirtatiffika d-diviżjoni illegali tiegħu bil-"Berm" Marokkin.
9. Id-disa' motiv, ibbażat fuq il-ksur tal-prinċipju ta' effett relattiv tat-trattati, sa fejn id-deċiżjoni kkontestata tinneġa l-kwalità ta' terz tal-poplu tas-Sahara tal-Punent għar-relazzjonijiet UE-Marokk u timponi fuqu obbligi internazzjonali, marbuta mat-territorju nazzjonali tiegħu u mar r-riżorsi naturali tiegħu, mingħajr il-kunsens tiegħu.
10. L-għaxar motiv, ibbażat fuq ksur tad-dritt internazzjonali umanitarju u tad-dritt kriminali internazzjonali sa fejn:
- l-ewwel nett, id-deċiżjoni kkontestata tikkonkludi ftehim internazzjonali applikabbli għas-Sahara tal-Punent meta l-forzi Marokkini ta' okkupazzjoni ma għandhomx *ius tractatus* fir-rigward ta' dan it-territorju u huma preklużi milli jisfruttaw ir-riżorsi naturali;
- it-tieni nett, skont il-ftehim konkluż bid-deċiżjoni kkontestata, l-Unjoni ser tissussidja l-infrastrutturi Marokkini fit-territorju okkupat tas-Sahara tal-Punent, sabiex ir-Renju tal-Marokk ikun jista' jstabbilixxi b'mod permanenti l-popolazzjoni ċivili u l-forzi armati tiegħu;
- it-tielet nett, bl-użu tat-termini ta' "popolazzjoni tas-Sahara tal-Punent" u ta' "popolazzjonijiet ikkonċernati", id-deċiżjoni kkontestata tapprova t-trasferiment illegali ta' Marokkini lejn it-territorju okkupat tas-Sahara tal-Punent.
11. Il-ħdax-il motiv, ibbażat fuq il-ksur tal-obbligi tal-Unjoni fuq il-bażi tad-dritt tar-responsabbiltà internazzjonali, sa fejn, billi kkonkludiet ftehim internazzjonali, mar-Renju tal-Marokk, applikabbli għas-Sahara tal-Punent, id-deċiżjoni kkontestata tirtatiffika l-okkorrenzi ta' ksur gravi tad-dritt internazzjonali mwettqa mill-forzi Marokkini tal-okkupazzjoni kontra l-poplu tas-Sahara tal-Punent u taġti għajna u assistenza għaż-żamma tas-sitwazzjoni li tirriżulta minn dawn l-okkorrenzi ta' ksur.